Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), sa fejn tirrigwarda lir-rikorrenti, li tikkonċerna akkordju fis-suq ta' boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll talba għal annullament jew, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Kendrion NV hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 — RKW u JM Gesellschaft für industrielle Beteiligungen vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-55/06 u T-66/06)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi — Limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Implementazzjoni — Legalità — Proporzjonalità — Ugwaljanza fit-trattament — Ksur uniku u kontinwat — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol esklużivament passiv — Obbligu ta' motivazzjoni — Imputabbiltà ta' aġir li jikkostitwixxi ksur"

1. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 — Ksur tal-prinċipju ta' nulla poena sine lege — Assenza (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punti 19, 20)*

2. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Differenzi bejn impriżi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-ammont massimu — Ammissibbiltà (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punti 21, 24)*

3. *Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Multi — Determinazzjoni — Kriterji — Żieda tal-livell ġenerali tal-multi — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata (Artikoli 81(1) KE u 253 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punti 31, 32)*

4. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol passiv jew emulattiv tal-impriża — Kriterji ta' evalwazzjoni (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, l-ewwel inċiż tal-punt 3) (ara l-punti 81-83, 86, 87, 89)*

5. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Waqfien tal-ksur wara l-intervent tal-Kummissjoni — Marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 3) (ara l-punt 94)*

6. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Nuqqas ta' impożizzjoni jew tnaqqis tal-multa inkambju għall-kooperazzjoni tal-impriża implikata — Tnaqqis minħabba n-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-fatti — Kundizzjonijiet (Artikolu 81(1) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 96/C 207/04, punt 2 tat-Titolu D) (ara l-punti 101, 102)*

7. *Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Kumpannija parent u sussidjarji — Unità ekonomika — Kriterji ta' evalwazzjoni — Preżunzjoni ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-kumpannija parent fuq is-sussidjarji miżmuma 100 % minnha — Obbligi probatorji tal-kumpannija li tixtieq tikkonfuta din il-preżunzjoni (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 111-116)*

Suġġett

Preliminarjament, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 KE (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali) u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) RKW SE u JM Gesellschaft für industrielle Beteiligungen mbH & Co. KGaA huma kkundannati għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011 — Low & Bonar u Bonar Technical Fabrics vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-59/06)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Ksur uniku u kontinwat — Multi — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol passiv — Proporzjonalità — Ugwaljanza fit-trattament — Ġurisdizzjoni sħiħa"